

31988L0413

L 200/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.7.1988

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Ġunju 1988

li taddatta għad-Direttiva tal-Kunsill 79/622/KEE tal-progress tekniku dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (testjar statiku)

(88/413/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 88/297/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikoli 11 tagħha,

Billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, issa huwa possibbli li jsiru ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/622/KEE <sup>(3)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 87/354/KEE <sup>(4)</sup>, iktar preċiżi u kompleti;

Billi l-miżuri li hemm ipprovdut għalihom f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Addattament tad-Direttivi tal-Progress Tekniku bl-iskop tat-tneħħija ta' xkiel tekniku fis-suq tas-settur tat-trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

Annessi III u IV għad-Direttiva 79/622/KEE huma hawnhekk emendati skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

## Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Ottubru 1988 l-ebda Stat Membru ma jista':

— jirrifjuta, fir-rigward tat-tip ta' trattur, li jagħti l-approvazzjoni ta' tip KEE, li joħroġ id-dokument imsemmi f'Artikolu 10(1), l-aħħar inċiż tad-Direttiva 74/150/KEE, jew li jagħti l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali; jew

— jippojbixxu d-dħul fis-servizz ta' tratturi;

jekk l-istrutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib fuq dawn it-tip ta' tratturi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

2. Mill-1 ta' Ottubru 1989 l-Istati Membri:

— ma għandhomx joħroġu d-dokument imsemmi f'Artikolu 10(1), l-aħħar inċiż tad-Direttiva 74/150/KEE fir-rigward tat-tip ta' trattur li l-istrument ta' protezzjoni kontra l-qlib ma jħarisx id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva,

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tip ta' trattur li l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib ma tħarisx id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

## Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 1988. Dawn għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

## Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Ġunju 1988.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU L 126, ta' l-20.5.1988, p. 52.

<sup>(3)</sup> ĠU L 179, tas-17.7.1979, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 192, tal-11.7.1987, p. 43.

## ANNEX

Il-kliem tal-punti 1.4 u 1.4.1 ta' Anness III tad-Direttiva 79/622/KEE huma mibdula b'dawn li ġejjin:

“1.4. Test ta' tagħbija żejda (ara Figuri 4a, 4b u 4c f'Anness IV)

1.4.1. It-test ta' tagħbija żejda għandu jitwettaq jekk il-forza tonqos b'aktar mit-3 % waqt l-aħħar 5 % tad-deflessjoni miksuba, fejn l-enerġija meħtieġa tinxtorob mill-istruttura (ara Figura 4b)”.

Il-kliem tan-nota f'qiegħ il-paġna 1.2 għall-Figura 4c ta' Anness IV tad-Direttiva 79/622/KEE huma mibdula b'dawn li ġejjin:

“jekk bF huwa inqas minn 0,97 F, it-test tat-tagħbija żejda għandu jitwettaq”.

---